**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 49**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**l-Erbgħa, 3 ta' Ottubru 2018 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerperson |
| Is-Sur Anthony Busuttil | Membru |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Il-laqgħa kienet preseduta miċ-Ċerpersin is-Sur Sam Abela.**

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġji**

49.1.1 Ma kien hemm l-ebda' ittra ta' apoloġija x'tiġi moqrija. — Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**49.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Nru 45**

49.2.1 Il-minuti tas-seduti numru 47 u 48 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u mis-Segretarju Eżekuttiv wara li kienu proposti mil-Viċi Ċerpersin u sekondati minn Christopher Farrugia. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 47 u 48

**49.3 Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin**

49.3.1 Il-Viċi Ċerperson talbet biex jittieħdu passi ħalli jkunu kontrollati aktar il-ġrieden li dehru jiġru fit-toroq dan l-aħħar. Kien deċiż li nitolbu lid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ikunu kontrollati bil-valenu speċjalment fuq in-naħa fejn hemm il-ħitan tas-sejjiegħ tal-għelieqi lejn tal-Isqof u s-Seminarju. Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

49.3.2 Dwar l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart organiku, il-Viċi Ċerperson ipproponiet illi jkun hemm inċentiva għal min ikun qed jikkopera. Hija qalet illi f'xi pajjiżi il-Gvern jagħti mingħajr ħlas borża terriċċju li jkun sar minn dan l-iskart lil kull dar. Skart organiku

**49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri**

Christopher Farrugia talab sabiex issir il-bankina bħal kumplament ta' postijiet oħra, jiġifieri bil-*paving blocks* tal-blokka li tmiss ma' Triq Francesco Azzopardi, Triq Pietru Kaxaru u Triq Godwin Ganado. Il-parti ta' Triq tal-Virtu' diġa' hija lesta u m'hemmx għalfejn tintmess. Proposta ta' bdil ta' bankini

Christopher Farrugia talab il-koperazzjoni tal-kumpaniji Go plc, Korporazzjoni Enemalta u l-Melita plc sabiex dawn jgħaddu s-servizzi minn taħt it-triq, preferibbilment fil-bankini li hemm il-ħsieb li jsiru. Hu qal illi hemm bżonn li ssir speċjalment il-bankina ta' Triq tal-Virtu kantuniera ma' Triq Francesco Azzopardi, fejn il-kunvent ta' St Angela.

Christopher Farrugia talab sabiex fil-ġranet tal-Milied terġa' tinxtehel siġra tal-Milied fil-maqrut li hemm fi Triq Carlo Flamingo. Kien hemm qsim ta' idejat peress li l-kurrent elettriku irid jittieħed minn għand xi familja fil-qrib. Madankollu qed ikun esplorat dawl sostenibbli bħal dak li jkun ġenerat mir-raġġi tax-xemx. Siġra tal-Milied

Peress li kien hemm enfasi fil-laqgħa preċedenti fuq il-ħtieġa ta' *embellishment* ta' din is-*soft area*, is-SE qal illi huwa nfurmat illi peress li m'hemmx mezzi ta' irrigazzjoni, l-kuntrattur ma setax iħawwel pjanti fil-ġranet sħan tas-sajf. Madankollu se ssir insistenza biex din is-*soft area* terġa tieħu l-ħajja, peress li fil-passat kienu saru interventi bil-*mulch*, u kienu inqalgħu xi arbuxxelli ecc. Il-Viċi Ċerpersin qalet illi rridu nagħżlu arbuxxelli li ma jħallux il-klieb iħammġu fil-ħamrija għaliex din hija problema fl-inħawi tal-Virtu'. Embellishment tas-soft area

**49.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

49.5.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Erbgħa, 31 ta' Ottubru 2018, fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-Seduta li jmiss

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'.......................... 2018

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Anthony Bonello |
| Ċerpersin | Segretarju Eżekuttiv |